*SELF BREVI MANU – PAGAMENT PER SALDO*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 1**
**Citazzjoni Numru: 1352/95/RCP**

**Anthony Zerafa**

**vs**

**John u Rose konjugi Ellul Sullivan**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) bilanc minn somma akbar

rappresentanti din is-somma self brevi manu maqhmul mill-attur lill-konvenut.

Illi l-konvenut debitament interpellatt ghall-hlas relattiv baqa' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu ghat-talba attrici u konsegwentement jezistu c-cirkostanzi sabiex din il-kawza tkun deciza bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 - 170 tal-Kap 12.

L-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispenssa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 - 170 tal-Kapitolu 12.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) bilanc minn somma akbar rappresentanti din is-somma self brevi manu maghmul mill-attur lill-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ppresentat kontestwalment, u l-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 5 tal-process;

Rat il-verbali tas-6 ta' Ottubru 1995, tat-28 ta' Novembru 1995, tas-16 ta' Jannar 1996, tat-28 ta' Novembru 1995, tat-23 ta' Jannar 1996.

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Jannar 1996 (fol 21 tal-process).

Rat il-verbali tat-12 ta' Marzu 1996, tad-9 ta' Mejju 1996, tal-4 ta' Gunju 1996, tas-27 ta' Gunju 1996, tat-18 t'Ottubru 1996, tas-7 ta' Novembru 1996 u tat-3 ta' Dicembru 1996.

Rat in-nota tal-attur tat-3 ta' Dicembru 1996 fejn permezz ta' l-istess nota gew prezentati estratti mill-Gazzetti Lokali (fol 34 sa 36).

Rat il-verbal tad-19 ta' Frar 1997 fejn il-kawza giet differita ghal-15 t' April 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tal-25 ta' Marzu 1997 (fol 40 tal-process) fejn gie ecceppit:

1. Illi t-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-konvenuti m'humiex debituri tal-attur fl-ebda somma.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 40 u 41 tal-process.

Rat il-verbali tal-15 t'April 1997, tal-5 ta' Gunju 1997, tad-9 ta' Frar 1998, tas-7 t'Ottubru 1998, tas-17 ta' Frar 1999, tal-14 ta' Mejju 1999, tal-20 ta' Ottubru 1999, tal-10 ta' Marzu 2000 fejn xehdet il-konvenuta, tal-20 ta' Marzu 2000, tat-22 ta' Mejju 2000 u tal-10 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta. F'din is-seduta l-Qorti nnotat li nonostante l-verbal tal-20 ta' Marzu 2000 il-konvenut ma ressaq ebda provi bl-affidavit u ghalhekk il-konvenuti nghataw il-fakolta li jressqu x-xhieda taghhom bil-procedura tal-affidavit fi zmien tletin gurnata, u fin-nuqqas li jsir dan il-Qorti tiehu l-provvedimenti opportuni.

Rat il-verbal tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn Dr Camilleri ghall-atturi msejjah tlett darbiet ma deherx, u deher biss Dr Melvin Mifsud ghall-konvenuti li talab differiment, il-Qorti laqghet it-talba u estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits bi tlettin jum u halliet il-kawza ghall-ahhar darba ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenuti ghat-28 ta' Frar 2001, bl-intiza cara li wara dak in-nhar il-kawza tmur ghas-sentenza.

Rat il-verbali tat-28 ta' Frar 2001 u tat-3 ta' Mejju 2001 fejn peress li l-kawza kienet ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-

konvenuti li la dehru, la ressqu provi u lanqas ipprezentaw affidavits, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret mill-attur stante li qed jallega li ghandu jiehu minghand il-konvenuti l-ammont ta' Lm5000 rappresentanti bilanc minn somma akbar ta' Lm11,000 li huwa kien silef brevi manu lill-konvenut.

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma fis-sens li m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur u dan peress li huma kienu hallsu ghas-saldu u piena sodisfazzjoni ghal kull bilanc li kien dovut.

Illi ghalhekk huwa oneru tal-konvenuti li jippruvaw dan l-allegat pagament u l-unika xhieda li hemm f'dan ir-rigward hija biss dik tal-konvenuta li sostniet li kienet inharget ricevuta ghal dan l-ammont pero` din l-ircevuta qatt ma giet esebita quddiem il-Qorti ghax inghad li intilfet u fejn sostniet ukoll li dan il-pagament *per saldo* allegatament sar fl-ufficcju ta' Sullivan Shipping miz-ziju tar-ragel taghha

Carmelo Sullivan jew minn Joseph u Ernest Sullivan hut il-konvenut.

Illi ovvjament minn tali xhieda tal-konvenuta din il-Qorti qatt ma tista' tasal biex tghid li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti gew ippruvati ghax fix-xhieda nnifisa hemm diversi indecizzjonijiet mill-istess xhud tant li hija stess lanqas kienet taf tghid min ghamel dan l-allegat pagament ahhari u fil-fatt semmiet mill-anqas tlett persuni li setghu ghamlu dan l-allegat pagament *per saldo* li *di piu`* l-ebda wiehed minnhom ma gie prodott bhala xhud.

Illi ghalhekk fl-isfond tal-premess jirrizulta li l-konvenuti ma rnexxielhomx jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom li huma hallsu s-sorte mertu tal-kawza odjerna *per saldo* filwaqt li huma accettaw li kien hemm dan is-self mertu tal-kawza odjerna.

Illi jinghad ukoll li f'din il-kawza l-istess konvenuti kellhom diversi opportunitajiet sabiex iressqu l-provi taghhom inkluzi dawk tas-7 t'Ottubru 1998, 17 ta' Frar 1999, 14 ta' Mejju 1999, 20 ta' Ottubru 1999, 10 ta' Marzu 2000, 20 ta' Marzu 2000, 22 ta' Mejju 2000, 10 ta' Ottubru 2000, 7 ta' Dicembru 2000, 28 ta' Frar 2001, u 3 ta' Mejju 2001 u l-konvenuti f'dawn is-seduti la ressqu provi u lanqas ipprezentaw ebda affidavit jew dokument relattiv li juri b'liema serjeta l-istess konvenuti affaccjaw din il-kawza.

Illi in vista tal-permess it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) bilanc minn somma akbar rappresentanti din is-somma self brevi manu maghmul mill-attur lill-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ppresentat mac-citazzjoni attrici, u l-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni mit-28 ta' Novembru 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Mejju, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Mejju, 2001.**